MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 355/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Roman Gafa`**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 176078(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Novembru, 2010 għall-ħabta tal-10.00 a.m. b'fond mobbli ġo suq fil-berah il-Birgu

1. naqas illi f'kull waqt ikun hemm disponibbli provvista adegwata ta' ilma tax-xorb sħun u kiesaħ ghas-sodisfazzjoni tal-Awtorita` tas-Saħħa;

2. naqas li jipprovdi facilitajiet adatti biex tinżamm iġjene personali adegwata għall-ħasil u tnixxif ta' idejn iġjeniku;

3. naqas li jipprovdi provizzjoni adegwata għat-tindif u meta jkun meħtieġ, id-diżinfettar tal-affarijiet tal-kċina u ta' kull tagħmir ieħor għas-sodisfazzjon tal-Awtorita` tas-Saħħa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju, 2012, li biha wara li rat Avviz Legali 264/2002 Parti III Regolament 3 u 7 taht il-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat illi l-appellant Roman Gafa' mhuwiex akkuzat ta' reċediva u li huwa ottempera ruħu pjenament mal-ligijiet sanitarji, sabitu ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih stante li gew ippruvati u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 illiberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn.
Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkuzzjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Lulju 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tilliberah minn akkużi dedotti kontra tiegħu u dan skont dawk il-provvidimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :

1. Illi l--ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel akkuza irreferiet ghall-Avviz Legali 146 tal-2008 u partikolarment regolament 3 fejn bir-rispett kollu skartat ghal kollox il-provizo (e) tar-regolament 4 tal-istess avviz legali li jgħid testwalment;

*4. Id-dispozizzjonijiet tar-regolament 3 m 'ghandhomx japplikaw gha!;*

*(e) ike! nej mahsub ghal aktar ipprocessar, qabel ma dan jigi ikkunsmat mill-bniedem, izda biss jekk dak l-ipprocessar jaghmel dak i-ike! bnin.*

Li huwa ovju li ħut frisk, jinsabu f'dawn il-parametri legali, u ċioe' huwa ikel nej li huwa mahsub għall-ipproċessar biex jirrendih tajjeb għall-ikel.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju għas-suespost it-tieni aggravju jikkonsisiti filli l-Qorti inferjuri irreferiet ghar-regolamenti tal-ligi relattivi ghall-akkuża u cioe' Skeda III tal-Ligi sussidjarrja 449.31, li ghalkemm din kienet wahda mill-lanjanzi imqajma f' dan il-proess, jirrizulta ben car, kif ser jigi spjegat li ma humiex applikabbli f'din il-fora kriminali bil-mod kif ġew applikati.

a. Illi ghalkemm l-ewwel Qorti fit-trattazzjonijiet tal-lanjanzi tad-difiza, ghamlet id-deċiżonijiet tagħha, għandu jirriżulta lil din l-Onorabbli Qorti ta' Appell illi imkien fil-Kap 449 ma hemm stipulati pieni għall-ksur tar-regolamenti magħmula taħt dak l-Att. Għall-kjarezza jingħad li fil-Kap 449 hemm referenza ghall-azzjonijiet li uffiċjali tal-Awtorita' jistgħu jagħmlu b'referenza għan-nuqqasijiet in konfront tar-regolamenti taħt l-istess Kap, iżda mkien ma hemm referenza għal pieni bħala konsegwenza tal-ksur tal-istess regolamenti.

b. Illi l-pieni kif stabbiliti taħt dan l-Att u l-poter tal-Ministru li jagħmel pieni mar-regolamenti relattivi, jindika ċar l-intenzjoni tal-legislatur li prassi amministrattiva indikata ma hiex dik adoperata f'dan il-każ u ċioe' l-ħruħ tal-akkuża man-nuqqasijiet indikati, iżda il-ħruġ ta' notifika lill-persuna konċernata u ż-żmien relattiv sabiex dak in-nuqqas jigi regolarizzat. Qari akkurat tal-mod kif huwa mibni dan l-Att partikolari jindika ulterjorment dan l-aġir amministrattiv hekk inti b'mod li l-uffiċjali tal-awtorita' għandhom dik il-fakolta' addizzjonali li dak li jidhrilhom li huwa dannuż jista jigi eevat u anke distrutt. Qari akkurat ulterjuri li jista jsir huwa dak tal-origini tal-istess regolamenti u cioe' ir-regolamenti Ewropej relattivi, li jindikaw b'mod car u kristallin, li kull linji gwida iridu jgħaddu mill-process relattiv u huma intizi biss bħala mezz

ta' awtoregolamentazzjoni mhux impozizzjoni diretta, u jkun imponibbli wara li jsir l-ezercizzju neċessarju rikjest fl-istess regolamenti ta' sakemm dan ikun ragonevolment prattikabbli. Rekwizit li fit-Taqsima III tal-Ligi Sussidjarja 449.31 hija ripetuta diversi drabi. Kif del resto tinsab ripetuta fid-direttivi ewropej li minnhom ġew traskritti u cioe' id-Direttiva tal-Kummissjon I 96/3/KE kif emendata bid-Direttiva tal- Kummissjoni 2004/4/KE (verzjoni kif korretta) jew skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/28/KE.

c. Illi tant din is-sitwazzjoni kienet ċara fil-moħħ tal-leġislatur u tal-kap amministrattiv, illi l-Onorevoli Chris Said, involut direttament fil-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar dawn il-linji gwida jgħid li dawn qatt ma kienu intiżi għall-infurzar dirett.

3) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tielet aggravju jirrizulta ben car, u dan mix-xhieda miġbura u traskritta, kif ukoll indikata u in parti rapportata fis-sentenza tal-istess Qorti Inferjuri, li l-imputata ġiet indotta minn dawk kollha involuta, sabiex tifhem li ma hemmx reita' fin-nuqqasijiet taghha in konfront mal-linji Gwida u għaldaqstant ma kellha ebda 'mens rea' fil-kaz odjern.

a. Illi dak mitlub mili-linji gwida ma kienx facilment jigi introdott u applikat, dan billi il-facilitajiet mitluba, u cioe' sinkijiet tal-istainiess steel, provista ta' ilma tajjeb ghax-xorb, shun u kiesah, ma humiex facilment adattabli ghal adoperat ta' bejgh tal-ħut bil-kavetta, u kien jinħtieġ reorganizzazjoni assoluta tal-mod kif jigu armati u operati l-istess bejjiegha. Sitwazzjoni ben konsapevoli lil dawk kollha involuta, sal-Kunsill ewropew, billi meta għaddew dan ir-regolamenti dejjem gie ritenut li dawn ghandhom jigu operati iżda l-awtorita' tas-saħħa għandha tagixxi b'mod li jaghti konsiderazzjoni kif imiss lix-xorta tal-attivita' jew tal-fond (Reg 9 Tielet Skeda, LS 449.31) Ħsieb li jirrepeti ruħu għal diversi drabi fl-istess skeda, indikattiv car kemm tal-fatt li tali regolamenti ma humiex intiżi bħala reati ut sic, kif ukoll l-isfond amministrattiv li taħthom kellhom jigu adoperati tali regolamenti. Sfond amministrattiv li jħalli f'idejn l-amministrattur wesa' ta' gudizzju u kundizzjonijiet effettivi, li minnhom infushom

huma ‘l bogħod mill-prattika ta’ ċertezza li kull reat kriminali huwa minnu innifsu rikjest li jħaddan.

b. Għall-korrettezza u informazzjoni jingħad li l-parti l-kbira tal-bejjiegħa tal-ħut sabu ruħhom f’din id-diffikulta’ u illum jinsabu għaddejjin proceduri simili ghal dawn odjerni. Jingħad ulterjorment li kif tikkonferma anke din is-sentenza, dawn id-diffikultajiet ġew sorvolati u illum jinsabu armati kif indikat fl-istess linji gwida.

Ikkonsidrat

Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta’ Rueben Micallef u Paul Girxti fis-seduta tad-19 t’April 2013.

Reuben Micallef,assistant principal Environmental Health Officer, xehed li kienu marru jagħmlu spezzjoni għall-10 ta’ filgħodu tat-30 ta’ Novembru, 2010 fejn sabu lill-appellant uj sabu li ma kellux friskatur biex jaħsel idejh u lanqas ma kellu friskatur fejn jaħsel l-għodda. Lanqas ma kellu provvista ta’ misħun fuq il-post.

Paul Grixti ikkonferma li kienet saret spezzjoni fit-30 ta’ Novembru 2010 u kien akkumpanjat mis-Sur Reuben micallef, assistant principal health inspector. Ma sabux faċilitajiet tat-tindif u tat tnixxif tal-idejn kif ukoll ma kienx hemm ilma sħun u kiesaħ.

Fil-proċess hemm ukoll ix-xhieda li kien ta l-Onor.Chris Said li spjega li dak iż-żmien l-istandards kienu saru taħt il-Malta Standards Authority. [1] Kien hemm standards li titlob l-Unjoni Ewropea u standards li l-oriġini tagħhom kienet lokali. Dawn kienu nitżi biex min qed jopera jkollu xi ħaġa aktar ħafifa x’tiggwidah. Ir-riżultat aħħari jrid ikun il-ħarsien tal-konsumatur. Meta xi ħadd jikser xi liġi allura jista’ jinġieb il-Qorti.

[1] Din illum m’għadiex teżisti għaliex ġiet assorbita fl-Awtorita’ għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Xehed ukoll Frans Farrugia li spjega li l-linji gwida qegħdin hemm beix jgħinu lil min jopera. Huma jaraw li l-linji gwida huma konformi mal-leġislazzjoni. Ix-xhud rrefera għat-Tielet Parti tal-Avviż Legali 264/2002. Hemm ukoll Regolament jew Direttiva EU 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene tal-ikel u jistipola wkoll li jkun hemm provista adekwata ta' ilma sħun jew kiesaħ

**L-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali**

Waqt is-smigħ tal-kawża l-Avukat Ġenerali qajjem eċċezzjoni. Huwa ssotna li fejn tibtalab il-liberatorja għandha titntalab ir-revoka, it-tħasir jew l-annullamnt tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha u gl-aħħar issir it-talba għat-tibdil meħtieġ. Huwa rrefera għall-għadd ta' każijiet deċiżi minn din il-Qorti diversament preseduta dwar dan il-punt fosthom 'Il-Pulizija vs Jesmond Farrugia tat-13 ta' Frar 2001, il-Pulizija versus Raymond Camilleri tal-5 ta' Diembru 2002, u l-Pulizija kontra Josephine Vella.

Id-difiża rreferiet għall-każ li kien deċiż mill-Imħallef Dr Micahel Mallia reċentement. F'dan il-każ ma kienx hemm il-fatti fil-qosor iżda l-Qorti baqgħet għaddejja teżamina l-mertu.

Il-Qorti eżaminat it-talba kif saret mill-appellant fejn intqal dan il-kliem:

'jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilliberah minn kull imputazzjoni kif dedotta u ħtija u dan skont dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhirlha xierqa.'

F'kull rikors, kemm jekk ta' prima' stanza kfi ukoll fil-fil-fażi tal-appell, it-talba li tidher fl-aħħar hija l-aktar element importanti. Waqt li formaliżmu żejjed jista' jkun l-għadu tal-ġustizzja, min-naħa l-oħra l-artikolu 419 jagħti gwida prattika li m'għandhiex tintrema. Anzi għandha tkun imħarsa b'rigorożita' kbira biex il-Qorti tkun taf eżatt x'qed jintalab. F'dan il-każ il-Qorti qed tifhem li l-appellant qed jitlob ir-revoka tas-sentenza li qed tkun impunjata. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant seta' kien aktar speċifiku u ritwali biex ***<u>ikun aktar ċar u aktar konformi mal-artikolu</u>***

***419***. Dan l-artikolu għandu jkun osservat fl-intier tiegħu sabiex ma jintilfix ħin tal-Qorti għalxejn. Madanakollu, il-Qorti mhxi ser tuża l-estrem tan-nullita' u ser tkompli teżamina l-mertu. Għalhekk qed tiċħad din l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

**L-Ewwel Aggravju**

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant magħmula bħala l-ewwel aggravju. Ii r-regolament 4 tal-Avviż Legali 264/2002 jeskludi l-applikazzjoni l-applikazzjoni tar-regolament 3 tal-istess Avviż Legali. L-appellant qed jinterpreta l-kelma 'ipproċessar' ħażin meta jeħodha fis-sens li ħut firsk huwa 'ikel nej maħsub għall-ipproċessar biex jirrendih tajjeb għall-ikel.' Il-kelma 'ipproċessar' għandu konnotazzjonijiet speċjali li ngħataw fis-sentenza l-oħra li għandha tinqara llum ukoll u ma tfissirx sempliċiment li l-ħuta ser tissajjar biex wieħed jikolha. Il-ħut frisk fis-suq huwa intiż biex ix-xerrej jieħdu, jsajru u jieklu jekk ma jippreferix li jieklu nej. Imma s-sajran mhxu l-ipproċessar li għandha f'moħħha l-liġi. Altru ssajjar ħtuha u altru tipproċessaha sabiex tittiekol taħt xi forma oħra għall-bżonn ippreservata.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.

**It-Tieni Aggravju**

Fil-mertu jkun tajjeb li jkun mistħarreġ jekk it-tliet imputazzjonijiet humiex ksur ta' xi liġi jew ta' xi regolament u jekk hemmx pieni għall-ksur tar-regolamenti. Għalhekk il-Qorti qed tikkwota d-dispożizzjonijiet tli jidhru hawn taħt.

**A) L-Eżistenza tal-pieni toħroġ mill-Kap 449**

**Mill-Kap 449**
'Proċedimenti kriminali

Bidu ta’
proċedimenti
kriminali.

**42.** (1) Meta jkun hemm raġuni biżżejjed biex wieħed jaħseb li xi persuna tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att **jew ta’ xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu**, il-Pulizija għandha, fuq ir-rapport tal-awtorità tas-saħħa, tibda proċedimenti kriminali kontra l-ħati quddiem il-qorti kompetenti.

(2) Meta l-proċedimenti jkunu nbdew mill-Pulizija għal reat kontra dan l-Att, l-awtorità tas-saħħa jew kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali inkarigati mill-awtorità tas-saħħa jistgħu, minkejja kull liġi li tgħid mod ieħor, iġibu l-akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jġibu l-provi u jmexxu l-prosekuzzjoni
minflok il-Pulizija.

(3) Id-dikjarazzjoni bil-ġurament ta’ kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali fis-sens li jkun ġie inkarigat skont kif provdut fis-subartikolu (2) tkun prova finali tal-fatt, jekk l-akkużat jitlob il-prova
tiegħu.

Reati u pieni.
*Emendat:*
*A.L. 426 tal-2007.*
**43.** (1) Kull min jinsab ħati ta’ reat kontra l-artikolu 31 jeħel, meta jinsab ħati, multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn
elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull min jinsab ħati għat-tieni darba u għad-drabi ta’ wara, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)
u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) jew

priġunerija għal żmien ta’ mhux inqas minn sena u mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Kull min jinsab ħati ta’ xi reat ieħor kontra dan l-Att jeħel -
(*a*) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien;
(*b*) meta jinsab ħati drabi oħra, multa ta’ mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn erba’ snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Sospensjoni jew
taħsir ta’ liċenzi.

**44.** Meta xi persuna tkun misjuba ħatja ta’ reat, minbarra reat kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 31, il-qorti tista’ tordna ssospensjoni jew it-taħsir ta’ kull liċenza jew liċenzi f’isem il-persuna akkużata jew il-post li jkun s-suġġett tal-proċedimenti.
.

**45.** Meta persuna tinsab ħatja ta’ reat kontra dan l-Att, il-qorti għandha, meta jkun meħtieġ, barra li tagħti l-piena, tordna lill-ħati li jneħħi kull inkonvenjent li jinqala’ mir-reat jew, jekk iċ-ċirkostanzi
hekk jeħtieġu, li jħares il-liġi, f’kull każ f’dak iż-żmien li jista’ jiġi stabbilit mill-qorti għal dak l-għan, u, f’każ ta’ nuqqas ta’ tħaris ta’ xi ordni bħal dak, hu jeħel multa oħra ta’ mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata ta’ nuqqas ta’ tħaris wara li jgħaddi ż-żmien stabbilit kif intqal qabel.
Konfiska ta’ ikel
rigward każijiet filqorti.

**46.** Meta reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jiġi ppruvat li jkun sar, il-qorti għandha tordna l-konfiska u l-qirda tal-ikel li għalih ikun jirreferi r-reat.'

Skont l-artikolu 10 tal-istess Att il-Ministru responsabbli jista' jagħmel regolamenti dwar l-iġjene.

.
Mela dan l-Att innifsu jipprovdi għal pieni kemm jekk wieħed jikser speċifikament l-artikolu 31 tal-istess Att kif ukoll jekk jikser xi provvedimenti oħra tal-istess Att **jew ta' xi regolament**. Huwa biżżejjed li wieħed jara kif jibda l-artikolu 42 ċitat aktar 'il fuq biex jinduna b'dan. Il-Leġislatur jista' jagħżel jew li jagħmel is-sanzjoni fil-Parent Act jew ma' xi dispożizzjonijiet speċjali fil-Parent Act (kif naraw f'diversi liġijiet) jew jagħmel il-pieni fil-leġislazzjoni sussidjarja. F'dan il-każ, il-Leġislatur għażel il-Parent Act. Dan ma jfissirx li r-regolamenti m'għandhomx sanzjonijiet għaliex kieku dawn ikunu tigra tal-karti.

**Jekk jeżistux ir-regolamenti**

It-tieni punt legali huwa jekk l-imputazzjonijiet jaqgħux taħt xi regolament jew le.

Dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dawn jidhru fl-Avviż Legali 264/2002 (S.L.441.31) **taħt it-Taqsima 3** - regolamenti7, 3 u 5 rispettivament.

'3. Għandu jkun hemm disponibbli faċilitajiet adatti biex tinżamm iġjene personali adegwata għall-ħasil u tnixxif ta' idejn iġjeniku, arranġamenti sanitarji iġjeniċi u faċilitajiet fejn wieħed ibiddel kif stabbilit mill-awtorita' tas-saħħa.'

'7. Għandu f'kull waqt ikun hemm disponibbli provvista adegwata ta' ilma tax-xorb sħun u kiesaħ u dan għas-soddisfazzjon tal-awtorita' tas-saħħa.'

'5. Għandu jkun hemm proviżżjoni adegwata għat-tindif u, meta jkun meħtieġ, id-diżinfettar tal-affarijiet tal-kċina u ta' kull tagħmir għas-soddisfazzjoni tal-awtorita' tas-Saħħa.'

Il-Qorti qed tirreferi wkoll għall-artikolu 3 li jagħti definizzjoni tal-kliem 'Att', 'bejgħ', 'iġjene fl-ikel'. 'ikel' u 'ikel utieq'

Wara li qieset dan kollu, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju kemm il-paragrafu (a) kif ukoll (b) u (ċ). Mil-Leġislazzjoni kkwotata jeżistu kemm il-pieni kif ukoll l-imputazzjonijiet.

Il-Linja ta' Gwida qatt ma kienu ntiżi biex ixejnu r-regolamenti u l-liġijiet. Lanqas ma jfissru li ma jeżistux sanzjonijiet. Il-Parent Act u r-Regolamenti qegħdin hemm u li wieħed ma jafx il-Liġi x'tgħid mhix skuża. La l-Onor ex-Ministru u lanqas ir-rappreżentant tal-MSA ma xehdu li l-linji gwida kienu qed jissorvolaw il-Liġi jew ir-regolamenti. Mill-provi jirriżulta li l-appellant kien diġa' mwissi qabel. Il-frażi 'l-awtorita' tas-saħħa għandha taġixxi b'mod li jagħti konsiderazzjoni kif imiss lix-xorta tal-attivita'' ma tfissirx li l-Awtorita' għandha xi 'carte blanche' biex tħalli 'l-bejjiegħa tal-ħut ma josservawx ir-regolamenti. Il-Liġijiet qegħdin hemm biex ikunu osservati.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' t-tieni aggravju.

**It-Tielet Aggravju**

L-appellant jgħid li ma kellux'mens rea' għaliex hu kien indott biex jaħseb li dawk kienu linja gwida biss. Il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni. L-ewwelnett l-ispezzjonijiet tas-Sanita' għar-raġunijiet miġjuba fl-imputazzjonijiet ma bdewx il-bieraħ għax ilhom jeżistu. Lanqas hu aċċettabbli li twaħħal fi ktejjeb intiż biex jgħinek tikkonforma ruħek mal-Liġi jekk int forsi ssibha bi tqila biex tifaħ il-ktieb tal-Liġi, aktar u aktar meta n-nuqqasijiet li tagħhom kien akkużat l-appellant kienu elementari għal dik li hija iġjene. Fl-aħħarnett jirriżulta mill-atti li l-appellant kien imwissi qabel.

Il-Qorti eżaminat ikoll is-sentenza li tidher fil-paragrafu (b) tat-tielet aggravju, jiġifieri 'iżda l-awtorita' tas-saħħa għandha taġixxi b'mod li tagħti konsiderazzjoni kif imiss lix-xorta tal-attivita' jew tal-fond.' Huwa loġiku u naturali li l-Awtorita' tas-Saħħa żgur għandha d-dmir li tara li jkunu osservati ħtiġijiet bażiċi bħal dawk imsemmija. U jekk ħarġet direttiva Ewropea, din trid tkun osservata bil-fatti. Għalkemm hemm ir-regolamenti.

Għalhekk il-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni dwar in-nuqqas ta' 'mens rea'.

Dwar il-paragrafu (ċ), li ħaddieħor isib ruħu fl-istess ċirkostanzi, ma jnaqqas xejn mir-responsabilita' personali.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju.

**'Aggravji oħra mqajma waqt it-trattazzjoni.'**

**(i) Il-Best Evidence Rule**

Waqt it-trattazzjoni kien hemm sottomissjoni mid-difiża li ma tressqitx l-aħjar prova għaliex ir-readings tat-temperatura ma ġewx ippreżentati.

Bir-rispett kollu, dan l-aggravju ma jidhirx fl-appell u għalhekk il-Qorti mhix qed takkoljieh. Iżda l-Qorti xorta ser tagħmel din ir-rimarka dwar il-'best evidence rule'

'Mill-Blackstone:

The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but **defunct.**

Lord Denning MR has stated:

The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. **We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.' (Garton vs Hunter 1969).'**

Minn dawn il-kwotazzjonijiet jirriżulta b'mod l-aktar ċar li l-idea dwar 'il-best rule of evidence' ilha aktar minn 44 sena li prattikament mietet. Imma aħna nibqgħu sejrin bl-istess ideat minkejja t-tibdil li jkun sar fl-interpetazzjoni ta' din il-frażi.

Fi ftit kliem jekk l-Ewwel Qorti u din il-Qorti tal-Appell kienet / kienu sodisfatti bix-xhieda li ngħatat – li wara kollox mia kenitx kontradetta mill-appellant – allura m'hemmx għalfejn wieħed jistenna bilfors ir-readings uffiċjali.

**(ii) Il-permess mill-Awtorita'**

Fl-istess trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li l-proċeduri ma setgħux jittieħdu mingħajr permess mill-Awtorita' tas-Saħħa. Apparti milli l-aggravju mkien ma jidher fir-rikors tal-appell u għalhekk mhux aċċettabbli, l-artikolu 42(2) tal-Kap 449 jgħid storja oħra. U l-fatt li fil-Qorti dehru biex jixhdu uffiċjali tas-servizz ċivili juri bl-aktr mod ċar li l-Awtorita' tat il-fiat tagħha. Inkella dawn x'ġew jagħmlu?

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni mqajma mill-Avukat Ġenerali matul it-trattazzjoni waqt li qed tiċħad ukoll l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma**

**s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-22 ta’ Ġunju 2011.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------